## Diskors tal-Aċċettazzjoni tal-Kariga ta' Viċi-Sindku

# ALFRED GRIXTI

## Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ, l-Erbgħa, 6 ta' Mejju, 2015.

***Nassigurakom li jien, u ċert li anki sħabi, se nkun qed nagħti l-appoġġ u l-għajnuna kollha tiegħi lis-Sindku tiegħi SARAH AGIUS biex nara li Ħaż-Żebbuġ jieħu dak li ħaqqu mill-Gvern Ċentrali  bħalma ħadu rħula oħra qabilna.***

1. **GRAZZI – GRAZZI Ħaż-Żebbuġ għall-privileġġ u l-unur li nservi bħala SINDKU għall-ħames snin u nofs li għaddew** *(24 ta' Novembru, 2009 – 30 ta' April, 2015 = ħames snin, sitt xhur u sebat ijiem)*

2. Ma hawnx xogħol aħjar u li jagħtik sodisfazzjon akbar milli li tkun ta' servizz għal ħaddieħor, speċjalment meta tkun ta' servizz għall-kommunità fejn tgħix.

3. Mhux se nitkellem dwar dak li wettaqt tul dawn l-aħħar ġames snin u nofs. Il-fatti jitkellmu waħedhom . . . issa ż-żmien li nħarsu 'l quddiem.

4. Ħaż-Żebbuġ għad għandu bżonnijiet kbar.

5. Ħaż-Żebbuġ għad ma għadux

   i. Dar għall-Anzjani,
   ii. *Day Centre* għall-anzjani,
   iii. *Night Shelter* għall-anzjani, u
   iv. *Child Care Centre* fost l-oħrajn.

6. Ippermettuli li nkun ftit partiġġjan. Ħaż-Żebbuġ ma ġiex preferut bħal rħula oħra fil-qrib fejn sarulhom it-toroq kollha u proġetti kbar oħra mill-Gvern Ċentrali.

7. Allura issa huwa d-dmir u r-responsabbiltà tagħna li niffurmaw il-maġġoranza ta' dan il-Kunsill biex issa mmorru fuq il-Gvern Ċentrali, li huwa ffurmat mill-istess partit politiku li nagħmlu parti minnu aħna, u ninsitu li Ħaż-Żebbuġ jieħu dak li ħaqqu.

8. **Nassigurakom li jien, u ċert li anki sħabi, se nkun qed nagħti l-appoġġ u l-għajnuna kollha tiegħi lis-Sindku tiegħi Sarah Agius biex nara li Ħaż-Żebbuġ jieħu dak li ħaqqu mill-Gvern Ċentrali bħalma ħadu rħula oħra qabilna**.

9. Fl-aħħar nett, nappella li l-animu li għandu jkollna lkoll, kemm aħna bħala Kunsillieri u kemm bħala ċittadini tal-Belt Rohan, huwa l-ispirtu tal-kbir President tal-Istati Uniti tal-Amerka John Fitzgerald Kennedy meta kien qal, "Tistaqsix x' jista' jagħmel pajjiżek għalik imma għid x' tista' tagħmel int għal pajjiżek."

10. Nirringrazzjakom.

**Alfred Grixti,**
**Viċi-Sindku.**